MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1275/2003

**Avviz Numru 1275/03AJD**
**Muscats Motors Limited**

**vs**

**Saviour Dalli**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Gunju 2003, fejn gie mitlub illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u disghin lira Maltin wiehed u hamsin centezmu (Lm95.51) rapprezentanti prezz t’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u spejjes ohra nkorsi mis-socjeta’ attrici.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mill-25 ta’ Mejju 2001, idd-ata tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u disghin lira Maltin wiehed u hamsin centezmu (Lm95.51), bl-imghax kif ,mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------